# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-11 t'April, 2018.**

**Rikors Numru 770/2015**

***Asemar Aviation and Cargo Services Limited* (C – 54979)**

**vs.**

**Dr. Pio Valletta bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-kumpanija estera *EACS - Executive Authority for Air Cargo and Special Flights*, ta' *Tripoli International Airport, EastGate, Tripoli, Libya*, illum maghrufa bhala *Executive Authority for Special Flights*.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-12 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentanta awtorizzata tas-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` Maltija rikorrenti tipprovdi servizzi fil-kamp tal-avjazzjoni civili u servizzi relatati;

1.2. Illi bejn l-2013 u l-2015 ipprestat diversi servizzi lis-socjeta` intimata, konsistenti fost l-ohrajn fi:

1.2.1. *Flight coordination services*;

1.2.2. Servizzi t'agenzija;

1.2.3. *Aircraft handling*;

1.2.4. Hlas ta' *air navigation charges*;

1.2.5. Provista ta' *fuel* u akkomodazzjoni;

1.3. Illi *di piu`*, inkorriet diversi spejjez fuq talba tal-istess socjeta` intimata;

1.4. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' hames mija u disat elef erba' mija u erbgha u disghin euro u tmienja u tmenin centezmu, (€509,494.88), (ara foll 7 sa 34);

1.5. Illi fuq ordni tas-socjeta` intimata kienet ukoll kriet ajruplan fejn l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti lahaq is-somma ta' mija u erbghin elf erba' mija u hmistax -il euro €140,415.00), (ara foll 35 u 36);

1.6. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha taghti s-somma komplessiva ta' sitt mija u disa' u erbghin elf, disa' mija u disgha euro u tmienja u tmenin centezmu, (€649,909.88), lis-socjeta` rikorrenti;

1.7. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti, *nonostante* l-

fatt li ma ikkontestatx l-istess ammont minnha dovut, xorta baqghet inadempjenti;

1.8. Illi ikkawtelat il-pretensjoni taghha permezz ta' mandat t'arrest t'ingenji tal-ajru li konsegwenza tieghu l-ajruplan Bombardier MSN 9257, numru ta' registrazzjoni 5A – UAC, hu prezentement arrestat f'Malta;

1.9. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €649,909.88 jew somma verjuri kif fuq indikat;

1.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti;

1.9.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif indikat fir-rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat it-18 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh, (ara foll 37);

3.0. Rat ir-risposta guramentat datata s-7 ta' Settembru, 2015, li permezz taghha l-kuratur deputat in rapprezentanza tas-socjeta` intimata sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 52):

3.1. Illi ghandha ssir korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` intimata;

3.2. Illi s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti;

3.3. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma tistax tippretendi hlas mis-socjeta` intimata;

3.4. Illi fil-mertu, m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` rikorrenti;

3.5. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat l-4 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti awtorizzat lill-partijiet jittrattaw din il-procedura bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 101), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 111 u 119);

5. Rat id-digriet taghha datat it-5 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti, awtorizzat il-korrezzjoni fl-okkju hemm mitluba, (ara foll 127);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata s-26 ta' Settembru, 2017, (ara foll 120);

7. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Dicembru, 2017, li permezz tieghu fuq talba tal-kurattur deputat tas-socjeta` intimata *de quo* awtorizzat lill-istess biex jipprezenta n-nota ta' sottomisssjonijiet tieghu sad-data hemm indikat, (ara foll 128);

8. Tirrileva pero` li d-data hemm koncessa lill-istess kuratur deputat indikat fil-paragrafu precedenti ghaddiet inutilment;

9. Ezaminat id-dokumenti *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

10.1. Illi s-socjeta` rikorrenti tipprovdi s-servizzi minnha indikati aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.));

10.2. Illi *di piu`* kriet ukoll ajruplan lill-istess socjeta` intimata, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

11. Illi ta' dawn is-servizzi kollha s-socjeta` rikorrenti qed titlob li s-socjeta` intimata thallasha l-ammont ta' €649,909.88, kif jirrizulta mill-fatturi relattivi minnha ipprezentati *in atti*, (ara foll 7 sa 34, u 35 u 36);

12.0. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li:

12.1. M'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti;

12.2. M'ghandha taghti xejn lis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

13. Illi tenut kont tal-korrezzjoni awtorizzata fl-udjenza tal-5 t'Ottubru, 2017, *ai termini* tal-artiklu 175 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem maghrufa Kap 16), m'ghandu bzonn jinghad xejn aktar fir-rigward u konsegwentement tqis li l-istess eccezzjoni giet ghalhekk superata u ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

14. Illi fir-rigward tal-**eccezzjoni preliminari tan-nuqqas tar-relazzjoni guridika** jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li dahlet f'rapport mas-socjeta` *Assimar Company Aviation Air Services*, (ara foll 52);

14.2. Illi ssosstni wkoll li m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti *Asemar Aviation and Cargo Services Limited*, (ara foll 52);

Ikkunsidrat:

15. Illi dak allegat mis-socjeta` intimata, senjatament li hi kienet f'relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` *Assimar Company Aviation Air Services* fih innifsu ma jeskludix l-ezistenza ta' relazzjoni tal-istess socjeta` intimata ma' dik rikorrenti *Asemar*

*Aviation and Cargo Services Limited stante* li l-ezistenza ta' relazzjoni kummercjali wahda partikolari ma teskludix il-possibilita` tal-ezistenza ta' diversi relazzjonijiet kummercjali ma' socjetatjiet ohra, fosthom dik rikorrenti;

16. Illi ghandu jkun pacifiku li relazzjoni guridika tikkomprendi l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet jew aktar in virtu` ta' liema parti minnhom – il-kreditur – ikollu d-dritt jippretendi minghand l-iehor – id-debitur – is-sodisfazzjoni tal-obbligazzjoni tieghu;

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Frankie Refalo, *nomine*, vs. Jason Azzopardi *et***, datata l-**5 t'Ottubru, 2001** li sosstniet is-segwenti:

> "Din il-qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti;
>
> "Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz – illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza";

Ikkunsidrat:

18. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* ma jirrizultax li hemm ftehim formali bejn iz-zewg socjetajiet in kontestazzjoni;

19. Illi pero` mid-dikjarazzjoni guramentata tal-*Client Account Management Consultant* tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta assodat li s-socjeta` intimata kienet titlob lis-socjeta` rikorrenti biex tirrendilha d-diversi servizzi relatati mal-avjazzjoni civili u servizzi ohra fuq delineati, (ara foll 66);

20. Illi l-ammonti komplessivi mitluba mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` intimata jirrizultaw debitament komputati fil-fatturi relattivi, (ara foll 7 sa 35);

21. Illi mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta` intimata qatt ikkontestat il-fatturi u l-i*statement* indikati fil-paragrafu precedenti u lilha debitament mghoddija mis-socjeta` rikorrenti;

22. Illi *di piu*` l-istess konsulent fuq indikata, (ara paragrafu numru dsatax, (19.), aktar qabel), issosstni f'dan ir-rigward li:

> "... jien personalment gieli iltqajt mar-rapprezentant ta' EACS, is-Sur Shaker Own anke hawn Malta, fejn hu kien wieghed illi l-fatturi pendenti kienu ser jigu imhallsa u talab li niehdu pacenzja u naghtu lil EACS aktar zmien. Madankollu meta beda ghaddej iz-zmien u xorta bqajna minghajr hlas, ma kellniex ghazla ohra hlief li nipprocedu b'din il-kawza";

23. Illi in vista tal-istess ghandu jkun pacifiku li jirrizulta assodat li meta s-socjeta` intimata kienet qed tigi mitluba thallas ghall-ammonti minnha dovuti lis-socjeta` rikorrenti, din qatt ma ikkontestat it-talbiet indirizzati fil-konfront taghha;

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tal-istess din il-qorti hi konvinta li dawn is-servizzi iffokati mis-socjeta` rikorrenti f'din il-procedura kienu effettivament gew offruti mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata;

25. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-relazzjoni kontrattwali – u ghalhekk guridika – kienet effettivament tezisti bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

26. Illi jigi wkoll osservat f'dan ir-rigward li x-xhieda prodotta mis-socjeta` rikorrenti in sostenn tat-tezi taghha lanqas biss kienu sottomessi ghall-kontro-ezami mis-socjeta` intimata;

27. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Edwin Cilia vs. Carmela *sive* Melina Cilia**, datata t-**28 ta' Settembru, 2012**, li rriteniet is-segwenti:

> "Kif insibu fil-ktieb ta' Peter Murphy "*Murphy on Evidence*" 7th Ediz. 2000, pagna 511:
>
> *"Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine [...] Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matter, or would be so able, given the truth of counsel's case";*

28. Illi minn ezami tal-atti jirrizulta abbundantement palezi li s-socjeta` intimata naqset milli tipprova tiggrafja l-kredibilita` tax-xhieda prodotti mis-socjeta` rikorrenti permezz ta' kontro-ezami u konsegwentement, din il-qorti m'ghandiex alternattiva hlief li tistrieh fuq l-istess xhieda li ghalhekk ma gietx kontradetta mis-socjeta` intimata;

29. Illi in vista tal-premess, u tal-fatt li giet allura stabbilita l-ezistenza tar-relazzjoni guridika bejn is-socjetajiet kontendenti, t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fir-rigward tal-**mertu** tal-procedura odjerna u tal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata fir-rigward, jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi in sostenn tat-talbiet taghha s-socjeta` rikorrenti pprezentat dokumentazzjoni kopjuza konsistenti rispettivament;

30.1.1. Fi "*statement of account*", (ara foll 7 sa 34); u

30.1.2. F' "*charter statement*", (ara foll 35);

30.2. Illi jirrizulta li d-dokumentazzjoni kollha in dizamina intbaghtet lis-socjeta` intimata, (ara foll 66);

30.3. Illi mid-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati *in atti* mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta assodat li s-socjeta` rikorrenti irrendiet is-servizzi lis-socjeta` intimata li taghhom qed titlob il-pagament relattiv, (ara foll 66, 69 u 98);

30.4. Illi jigi osservat li fil-procedura odjerna s-socjeta` intimata kienet pjuttost distratta *stante* li jirrizulta li kienet latitanti u assenti wisq biex tippromwovi t-tezi taghha 'l quddiem;

30.5. Illi jirrizulta wkoll pacifiku li s-socjeta` intimata ghad ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammonti komplessivi fuq indikati ghas-servizzi hekk minnha rezi lis-socjeta` intimata fuq talba tal-istess socjeta` intimata;

31. Illi in vista tal-istess, anke t-tielet (3) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €649,909.88 kif fuq indikat;

32.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti;

32.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tal-prezentata tal-istess rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**